

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1022/2011**tal-14 ta' Ottubru 2011**

li jikkonċerna n-nuqqas ta' tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva ċiklanilid skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 20 u l-Artikolu 78(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Is-sustanza attiva ċiklanilid kienet inkluża fl-Anness I mad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ⁽²⁾ għal perjodu li jiskadi l-31 ta' Ottubru 2011.
- (2) Biex l-applikanti jkun jistgħu jħejju l-applikazzjonijiet tagħhom u jippermettu lill-Kummissjoni tivvaluta u tiddeċiedi fuq applikazzjonijiet bħal dawn, dik l-inklużjoni ġiet estiża sal-31 ta' Diċembru 2015 mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/77/KE tal-10 ta' Novembru 2010 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE fir-rigward tad-dati ta' skadenza għall-inklużjoni fl-Anness I ta' ċerti sustanzi attivi. ⁽³⁾
- (3) Skont l-Artikolu 78(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, dik is-sustanza kienet inkluża fil-Parti A tal-Anness mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqşam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati ⁽⁴⁾ u għandu jitqies li kien approvat skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009.
- (4) Il-Kummissjoni madankollu ma rċeviet l-ebda applikazzjonijiet għas-sustanza attiva kkonċernata u l-perjodu taż-żmien għat-tressiq ta' dawn l-applikazzjonijiet, kif stipulat fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1141/2010 tas-7 ta' Diċembru 2010 li jistabbilixxi l-proċedura għat-tiġdid tal-inklużjoni tat-tieni grupp ta' sustanzi attivi fl-Anness I għad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u li jistabbilixxi l-lista ta' daww is-sustanzi ⁽⁵⁾, skada.

(5) Għaldaqstant, l-approvazzjoni ta' dik is-sustanza attiva ma għandhiex tiġġedded u għandha titneħħa mill-Parti A tal-Anness mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011, sa minn dak inhar meta l-approvazzjoni tagħha kienet tiskadi kieku ma ġietx estiża mid-Direttiva 2010/77/KE.

(6) L-Istati Membri għandhom jingħataw l-perjodu li jeħtieġu biex jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom iċ-ċiklanilid.

(7) Dan ir-Regolament ma jippreġudikax is-sottomissjoni ta' applikazzjoni oħra għal din is-sustanza skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

(8) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Nuqqas ta' tiġdid tal-approvazzjoni

L-approvazzjoni tas-sustanza attiva ċiklanilid mhix tiġġedded.

Artikolu 2

Miżuri tranżitorji

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom iċ-ċiklanilid jiġu revokati sat-30 ta' April 2012.

Artikolu 3

Perjodu ta' grazzja

Kull perjodu ta' grazzja mogħti minn Stat Membru għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom iċ-ċiklanilid għandu jiskadi mhux iktar tard mill-31 ta' Ottubru 2012 għall-bejgħ u t-tqassim u mhux iktar tard mill-31 ta' Ottubru 2013 għar-rimi, il-ħżin u l-użu ta' ħażniet eżistenti.

Artikolu 4

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 540/2011

Il-Parti A tal-Anness mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 għandu jiġi emendat skont l-Anness ma' dan ir-Regolament.

⁽¹⁾ ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 293, 11.11.2010, p. 48.⁽⁴⁾ ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 322, 8.12.2010, p. 10.

Artikolu 5

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Ottubru 2011.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

 ANNESS

Ir-ringiela 21 tal-Parti A tal-Anness mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 għandha tinbidel b'dan li ġej:

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (*)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
"21"	Ċiklanilid Nru CAS 113136-77-9 Nru CIPAC 586	Mhux disponibbli	960 g/kg	1 ta' Novembru 2001	31 ta' Ottubru 2011	L-użu biss b'ħala regolatur tal-iżvilupp tal-pjanti jista' jiġi awtorizzat. Il-kontenut massimu tal-impurità 2,4-dikloroanilina (2,4-DCA) fis-sustanza attiva kif immanifatturata għandu jkun ta' 1 g/kg. Id-data tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti li fiha ġie finalizzat ir-rapport ta' reviżjoni: 29 ta' Ġunju 2001."

(*) Aktar dettalji dwar l-identità u l-ispeċifikazzjoni ta' sustanzi attivi huma pprovduti fir-rapporti ta' reviżjoni tagħhom.